Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Numru 1304/2011

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)

vs

Owen Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 189594M, akkuzat talli nhar is-6 ta’ Mejju 2011 ghal habta tal-10.30p.m. gewwa n-Numero Uno, Ta’ Qali, H’Attard u f’dawn il-Gzejjer Maltin:

1. ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Ryan Schembri li ghandu numru tal-identita’ 339294M hekk kif iccertifikat Dr Krystle Blaire Theuma M.D. (Reg.



Qrati tal-Gustizzja

numru 3342) tal-Isptar Mater Dei u dan ai termini tal-Artiklu 216 tal-Kap 9;
2. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat.

Il-Qorti mitluba li fil-kaz ta' sejbien ta' htija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati il-garanzija taht l-Artiklu 383 tal-Kap 9 et sequitur.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat fil-kors tal-proceduri l-Qorti ser issibu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Mill-provi li l-Qorti semghet u d-dokumenti esebiti l-ferita tista' tikkwalfika bhala gravi ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kap 9. Ma dan jizdied inghad li l-imputat permezz tal-ammissjoni tieghu qieghed ukoll jirrikonoxxi dan il-fatt.

Rat l-Artikolu 216 u 338(dd) tal-Kap 9.

Fic-cirkostanzi ssibu hati izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------